ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

---

**Minuti tas-17-il laqgħa tal-Kumitat Amministrativ St Peter's**

Is-sbatax-il laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's saret nhar l-Erbgħa, 31 ta' Awwissu, 2011. Il-laqgħa bdiet fis-6.15 ta' filgħaxija b'talba. Iċ-*Chairperson*, is-Sinjura Maria Elena Debattista, ippresediet il-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu ċ-*Chairperson* is-Sinjura Maria Elena Debattista, il-Viċi-*Chairperson* is-Sur Norman Clews u s-Sur Joseph Agius.

Is-Sinjuri Mario Bartolo u Luciano Farrugia kienu skużati.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tas-16-il laqgħa ġew approvati unanimament fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Norman Clews.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sinjura Debattista reġgħet irreferiet għall-plot li hemm mitluq fi Triq il-Farfett tal-Fejġel. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li d-Dipartiment tas-Sanita kien reġa' ġie nfurmat dwar dan l-ilment u l-annimali li kien hemm mejta kienu tneħħew.

Is-Sur Joe Agius semma l-ħtieġa li qabel tibda x-xita titlesta l-katusa li trid issir fis-*central strip* ta' Triq San Leonardu.

Item 4 – Korrispondenza

Inqara invit mibgħut mill-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel għal Kunċert Vokali u Strumentali li ser isir nhar il-5 ta'Settembru, 2011 fit-8.00 ta'filgħaxija fl-okkażjoni tas-sittin sena mill-Inkurunazzjoni u l-għaxar snin mit-tqegħid tal-Istellarju.

Inqara invit mibgħut miċ-Ċentru Partit Laburista ta' Ħaż-Żabbar għal riċeviment li ser isir fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna tal-Grazzja nhar l-Erbgħa 7 ta'Settembru, 2011 fit-8.00 ta' filgħaxija.

Inqrat ittra li ċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv kitbet lill-Kap Eżekuttiv tal-kumpanija Arriva wara li l-Kumitat ma ħa l-ebda risposta għall-ittra li kienet intbgħatet dwar il-problemi fis-servizz tat-trasport pubbliku speċjalment għar-residenti ta' St Peter's.

Inqrat korrispondenza rigward ilment li sar minn resident dwar l-ipparkjar fi Triq Profs. JG Baldacchino. Il-Kumitat fuq proposta taċ-*Chairperson* li ġiet issekondata mis-Sur Agius, qabel li ssir spezzjoni fuq il-post biex jekk hu possibli l-ilment jiġi ndirizzat.

<u>Item 5 – Xogħol tal-Kumitat</u>

Dwar l-iskema għall-għajnuna finanzjarja, il-Kumitat Amministrattiv qabel unanimament mal-proposta tas-Sur Clews li ġiet issekondata mis-Sinjura Debattista li ssir applikazzjoni biex isir titjib fil-*playing field* ta' St Peter's u jigu rranġati xi strutturi u materjal ieħor kif ukoll jiwaħħlu l-*cameras* tas-sigurta'.

<u>Item 6 – Affarijiet Oħra</u>

Is-Sur Agius semma l-bżonn li titwaħħal il-mera l-ġdida fi Triq San Leonardu faċċata ta' Triq il-Marżebb.

Is-Sinjura Debattista semmiet il-ħtieġa li jsir *patching* fi Triq iż-Żarżarell kif ukoll li jinqata' il-qasab li hemm fl-istess triq.

Is-Sur Clews ppropona li jiġu rranġati l-*parking bays* ta' quddiem l-ewwel djar tal-Qasam tal-Gvern fi Triq San Leonardu biex l-ipparkjar ikun aħjar kemm għar-residenti kif ukoll għas-sewwieqa.

Is-Sur Clews talab li l-Kunsill jikteb lil MEPA u lil Transport Malta sabiex tiġi rranġata l-entratura ta' Triq l-Għakrux.

Is-Sinjura Debattista talbet biex tinżabar siġra tat-tin li hemm fi Triq l-Għakrux.

Is-Sinjura Debattista nfurmat lill-Kumitat dwar konferenza stampa li saret f'Wied il-Għajn rigward il-problemi fis-servizz tat-trasport pubbliku.

Is-Sur Agius ippropona li jitwaħħlu żewġ bankijiet quddiem il-*pitch* tal-boċċi fi Triq San Leonardu. Is-Sur Clews issekonda l-proposta u l-Kumitat qabel unanimament.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.00 ta’ filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-18-il laqgħa li saret nhar it-Tlieta, 27 ta’ Settembru, 2011.

Maria Elena Debattista
Chairperson